27 ta' Ġunju 2014

EBA/GL/2014/03

# Linji gwida

## dwar l-iżvelar ta' assi mirhuna u mhux mirhuna

# Linji gwida tal-EBA dwar l-iżvelar ta' assi mirhuna u mhux mirhuna

## Status ta' dawn il-linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ir-Regolament EBA). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għalhekk tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lilhom huma indirizzati l-linji gwida, jikkonformaw magħhom. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx, jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw jew le ma' dawn il-linji gwida , bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-27.08.2014. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA li huma nonkonformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu bis-sottomissjoni tal-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2014/03'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

# Titolu I – Ambitu ta' applikazzjoni u prinċipji ġenerali

1. Skont l-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (CRR) ([1]), dawn il-linji gwida jispeċifikaw l-iżvelar tal-assi mhux mirhuna, u b'mod addizzjonali jispeċifikaw l-iżvelar tal-assi mirhuna, b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu ([2]), u b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni D dwar it-trasparenza tas-swieq dwar l-assi mirhuna.

2. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-iżvelar skont Parti Tmienja tas-CRR u m'għandhomx jintużaw bħala l-bażi ta' konformità ma' rekwiżiti oħra ta' divulgazzjoni.

3. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet, kif definit fl-Artikolu 4(1)(3) tas-CRR, li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-divulgazzjoni stabbiliti fil-Parti Tmienja tal-istess Regolament.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida fuq bażi kkonsolidata, għandha tintuża l-konsolidazzjoni li tapplika fit-Titolu II tal-Kapitolu 2 tas-CRR. Sabiex ma jkunx hemm dubju, is-sussidjarji tal-assigurazzjoni huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-konsolidazzjoni.

5. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, ass għandu jiġi ttrattat bħala mirhun jekk ikun ġie mogħti b'rahan jew jekk ikun soġġett għal kwalunkwe forma ta' arranġament li jiggarantixxi, jikkollateralizza jew itejjeb il-kreditu ta' kwalunkwe tranżazzjoni li tidher jew li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ li minnha ma jistax jiġi rtirat b'mod liberu (pereżempju, li jingħata b'rahan għall-finijiet ta' finanzjament). L-assi mogħtija b'rahan li huma soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni fuq l-irtirar, bħal assi li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel, qabel jiġu rtirati jew sostitwiti b'assi oħra, għandhom jitqiesu mirhuna. It-tipi ta' kuntratti li ġejjin għandhom jitqiesu mirhuna:

    a. tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantit, inkluż kuntratti u ftehimiet ta' riakkwist, self ta' titoli u forom oħra ta' self garantit;
    b. ftehimiet ta' kollateral, pereżempju, kollateral imqiegħed għall-valur tas-suq ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi;
    c. garanziji finanzjarji li huma kollateralizzati;
    d. kollateral imqiegħed f'sistemi ta' kklerjar, ma' kontropartijiet ċentrali (CCPs) u ma' istituzzjonijiet ta' infrastruttura oħra bħala kundizzjoni għall-aċċess tas-servizz; dan jinkludi fondi ta' inadempjenza u marġni inizjali;

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ĠU, L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) ĠU, C 119, 25.4.2013, p. 1.

e. faċilitajiet tal-bank ċentrali; assi mqiegħda minn qabel għandhom jitqiesu mhux mirhuna biss jekk il-bank ċentrali jippermetti l-irtirar tal-assi mqiegħda mingħajr approvazzjoni minn qabel;
f. assi sottostanti minn strutturi ta' titolizzazzjoni, fejn l-assi finanzjarji jkunu għadhom rikonoxxuti mal-assi finanzjarji tal-istituzzjoni; l-assi sottostanti ta' titoli miżmuma bis-sħiħ ma jgħoddux bħala mirhuna, sakemm dawn it-titoli ma jkunux ingħataw b'rahan jew ġew kollateralizzati bi kwalunkwe mod biex jiggarantixxu tranżazzjoni;
g. assi f'aggregazzjonijiet koperti użati għall-ħruġ ta' bonds koperti; assi li huma sottostanti għall-bonds koperti jgħoddu bħala mirhuna, ħlief f'ċerti sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjoni żżomm il-bonds koperti korrispondenti kif imsemmi fl-Artikolu 33 tas-CRR.

6. L-assi mqiegħda f'faċilitajiet li ma jintużawx u li jistgħu jiġu rtirati b'mod liberu m'għandhomx jitqiesu mirhuna.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jaqbdu r-rahan li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet kollha inkluż l-operazzjonijiet kollha mal-banek ċentrali.

8. Il-mudelli tad-divulgazzjoni armonizzati, kif speċifikati fl-anness għal dawn il-linji gwida, għandhom jippermettu lill-parteċipanti tas-suq li jqabblu l-istituzzjonijiet b'mod ċar u konsistenti fl-Istati Membri kollha.

## Titolu II - Rekwiżiti għad-divulgazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar assi mirhuna u mhux mirhuna skont il-prodotti fuq bażi kkonsolidata skont il-format speċifikat fl-anness għal dawn il-linji gwida u billi jitqiesu l-istruzzjonijiet speċifikati fl-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru xxx/xxx ([3]) [TS FL-EBA/2013/ITS/02]. Fir-rigward tal-frekwenza tad-divulgazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 433 tas-CRR u jiddivulgaw din l-informazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-ammont ta' assi mirhuna u mhux mirhuna taħt il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli skont it-tip tal-assi skont il-Mudell A tal-anness għal dawn il-linji gwida. L-assi mirhuna fil-Mudell A huma assi li jidhru fil-karta tal-bilanċ li jkunu ngħataw b'rahan jew ġew trasferiti mingħajr ma tneħħa r-rikonoxximent tagħhom jew inkella huma mirhuna, u l-kollateral riċevut li jissodisfa l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent fil-karta tal-bilanċ tad-destinatarju tat-trasferiment skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni dwar il-kollateral riċevut skont it-tip tal-assi skont il-Mudell B tal-anness għal dawn il-linji gwida. Il-kollateral mirhun u mhux mirhun fil-Mudell B huwa kollateral riċevut li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jiġi

([3]) ĠU L […], [xx.xx.XXXX, p…].

rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ tad-destinatarju tat-trasferiment skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli. Għalhekk huwa l-kollateral riċevut li jinżamm ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ. Il-kollateral riċevut li jiġi rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ għandu jiġi divulgat fil-Mudell A.

4. Meta l-banek ċentrali jagħtu assistenza għal-likwidità fil-forma ta' tranżazzjonijiet ta' swap kollaterali, awtorità kompetenti tista', f'konformità mar-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2 tal-BERS, tiddeċiedi li l-istituzzjonijiet m'għandhomx jiddivulgaw il-Mudell B fejn tqis li d-divulgazzjoni f'dak il-format tkun tippermetti, issa jew fil-ġejjieni, id-detezzjoni tal-assistenza għal-likwidità pprovduta mill-banek ċentrali permezz ta' swaps kollaterali. L-eżenzjoni mill-awtorità kompetenti għandha tkun ibbażata fuq limiti u kriterji oġġettivi li jiġu ddivulgati pubblikament.

5. L-obbligazzjonijiet assoċjati mal-assi mirhuna u l-kollateral riċevut għandhom jiġu divulgati skont il-Mudell C tal-anness għal dawn il-linji gwida. L-obbligazzjonijiet mingħajr kwalunkwe finanzjament assoċjat, bħal derivattivi, għandhom jiġu inklużi.

6. L-informazzjoni għandha tiġi divulgata fl-istess munita u unitajiet bħar-rekwiżiti l-oħra tad-divulgazzjoni previsti fil-Parti Tmienja tas-CRR. Jekk l-iżvelar tal-assi mirhuna tingħata fin-noti għar-rapporti finanzjarji jew tiġi inkluża fl-istess dokument bħar-rapporti finanzjarji, il-munita u l-unitajiet għandhom ikunu l-istess bħal tar-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet. L-istituzzjonijiet jistgħu jipprovdu divulgazzjonijiet addizzjonali bl-użu ta' muniti differenti mill-munita użata għad-divulgazzjonijiet fil-Parti Tmienja tas-CRR meta rilevanti.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni abbażi ta' valuri medjani ta' mill-inqas dejta trimestrali fuq bażi ta' rotazzjoni tat-tnax-il xahar preċedenti. Għad-divulgazzjoni tal-ewwel perjodu ta' rappurtar, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti, li minflok jagħżlu li jużaw id-dejta mill-31 ta' Diċembru 2014; madankollu, dawn għandhom imbagħad jinkludu t-tip ta' referenza taż-żmien fl-informazzjoni narrattiva tagħhom.

8. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni narrattiva relatata mal-impatt tal-mudell tan-negozju tagħhom dwar il-livell ta' rahan tagħhom u l-importanza tar-rahan fil-mudell ta' finanzjament tagħhom fil-Mudell D tal-anness għal dawn il-linji gwida. L-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-aspetti li ġejjin:

    a. is-sorsi ewlenin u t-tipi ta' rahan, b'dettalji, jekk applikabbli, tar-rahan minħabba attivitajiet sinifikanti bid-derivattivi, self ta' titoli, repos, ħruġ ta' bonds koperti u titolizzazzjoni;
    b. l-evoluzzjoni tar-rahan matul iż-żmien u b'mod partikolari wara l-aħħar perjodu ta' divulgazzjoni;
    c. l-istruttura tar-rahan bejn l-entitajiet fil-grupp;
    d. informazzjoni dwar kollateralizzazzjoni żejda;
    e. deskrizzjoni ġenerali tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet ta' kollateralizzazzjoni li jkunu saru bħala garanzija għall-obbligazzjonijiet;

f. deskrizzjoni ġenerali tal-proporzjon tal-elementi inklużi fil-kolonna 060 'Ammont riportat tal-assi mhux mirhuna' fir-ringiela 120 'assi oħra' fil-Mudell A tal-anness għal dawn il-linji gwida li l-istituzzjoni ma tqisx disponibbli għar-rahan fil-kors normali tan-negozju tagħha (eż. assi intanġibbli, inkluż avvjament, assi ta' taxxa differita, proprjetà, impjant u assi fissi oħra, assi derivattivi, repo invers u riċevibbli mis-self ta' stokk);
g. informazzjoni oħra li l-istituzzjoni tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-assi mirhuna tagħha.

9. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jinkludu dikjarazzjonijiet relatati mal-utilizzazzjoni, jew in-nuqqas tagħha, ta' assistenza għal likwidità mill-banek ċentrali fl-informazzjoni narrattiva tagħhom fil-Mudell D.

10. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni ta' divulgazzjoni f'post wieħed kif speċifikat fl-Artikolu 434 tas-CRR. Safejn ikun possibbli, id-divulgazzjoni għandha tiġi inkluża fl-istess dokument bħal divulgazzjonijiet oħra meħtieġa mill-Parti Tmienja tas-CRR. Fejn rilevanti, għandhom jingħataw kontroreferenzi xierqa minn dan id-dokument għall-post tad-divulgazzjonijiet skont dawn il-linji gwida, skont l-Artikolu 434 tas-CRR.

11. Skont l-Artikolu 433 tas-CRR, id-divulgazzjoni annwali speċifikata f'dawn il-linji gwida għandha tiġi ppubblikata flimkien mad-data tal-pubblikazzjoni tar-rapporti finanzjarji. Din id-divulgazzjoni annwali għandha tiġi ppubblikata mhux iżjed tard minn sitt xhur wara d-data ta' referenza tar-rapporti finanzjarji.

## Titolu III- Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jimplimentaw dawn il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-proċeduri superviżorji tagħhom fi żmien sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tal-linji gwida finali. Minn hemm 'il quddiem, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.

## Anness 1 *(mudelli)*